# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 30

Il-Hamis, 11 ta' Marzu, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fit-3.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri, Valerie Borg, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Kunsillier Azzopardi informa li kien xoghol filwaqt li l-Kunsillier Buontempo informa li kien ma jiflahx.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 29 li saret nhar il-Hamis, 4 ta' Frar, 2010 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Financial Statements ghas-sena li ghalqet Dicembru '09***
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li fuq direttiva li inghatat mill-NAO ghandhom jidhlu taht Provision for Bad Debts il-multi kollha pendenti sa Dicembru ta l-2007. Ghalhekk il-Kunsill approva l-emendi necessarji.

***Xoghol fi Triq ir-Repubblika***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-RPO kienu infurmaw lill-Kunsill li l-lava li hemm fi Triq ir-Repubblika ghandha tibqa' fil-post u tigi dokumentata mill-perit tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

## JUM IL-BELT

Gie pprezentat lill-Kunsill il-programm kollu ta' Jum il-Belt. Il-Kunsill unanimament approva l-attivitajiet kif imnizzla fil-programm.

Dwar il-premju ta' Gieh il-Belt, il-Kunsill ircieva zewg nominazzjonijiet dik ghal Paul Curmi u dik ghal Joe Caruana Curran.

Is-Sindku qal li filwaqt li jirrikonoxxi l-impenn qawwi ghall-belt Valletta taz-zewg nominati, hu tal-fehma li minhabba li s-sena l-ohra l-premju inghata lill-persuna relatata mal-football, din is-sena jinghata lill-persuna impenjata f'qasam iehor u ghalhekk jahseb li ghandu jinghata lil Paul Curmi ghall-impenn tieghu fil-Karnival.

Il-Vici Sindku qal li anki minhabba l-fatt li Paul Curmi huwa kbir fl-eta` ghandu jinghata din is-sena dan ir-rikonoxximent tax-xoghol li ghamel fil-karnival.

Il-Kunsill unanimament qabel li jekk sa l-ghada, il-gurnata ta' l-eghluq ghan-nominazzjonijiet, il-Kunsill ma jircevix nominazzjonijiet aktar, il-premju ta' Gieh il-Belt ghas-sena 2010 jinghata lis-Sur Paul Curmi.

Fuq proposta tas-Sindku u sekondata mill-Kunsillier Farrugia, il-Kunsill unanimament qabel li jaghti c-Cittadinanza Onorarja tal-Belt Valletta lill-Patri Gorg Aquilina. Patri Gorg jiehu hsieb il-Kunvent tas-sorijiet ta' Sant'Ursola, huwa storiku u ghamel hafna xoghol ghall-Biblioteka Nazzjonali. Kiteb diversi kotba fuq il-Belt u l-Ordni u b'hekk ghamel promozzjoni tal-Belt kemm f'Malta kif ukoll barra. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

## IL-LAQGHAT TAL-LOKALITA`

Kien hemm qbil minn kulhadd li l-laqghat tal-lokalita` li saru fit-tliet parrocci kienu tajbin hafna u kien hemm rispons tajjeb mill-pubbliku.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ircieva talba mill-belt ta' Caravaggio sabiex isir xi forma ta' gemellagg mal-Belt Valletta. Minhabba li l-Belt Valletta tista' tigi gemellatta biss ma belt kapitali ohra, il-Kunsill qabel li jkun hemm xi forma ta' rabta kulturali bejn iz-zewgt ibliet;

- Il-Kunsill approva talba ta' persuna li xtaq jaghmel it-tieg fi Triq Merkanti, bil-kundizzjoni li l-muzika tispicca fil-hin stipulat mil-ligi, ihalli passagg fil-genb ta' Triq il-Merkanti it-tul kollu fejn ser ikun qieghed isir it-tieg, isir it-tindif necessarju wara l-attivita`, jithallas il-permess mehtieg u jsiru l-kundizzjonijiet bhal dawk ghall-uzu ta' Misrah San Gorg;

- Il-Kunsill gie nfurmat li inghata €18,000 mill-iskema ta' ghajnuna lill-Kunsilli li tul is-sena jilqghu fihom attivitajiet fuq skala Nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mill-Gvern Centrali. €9,000 bhala ghajnuna ghat-tindif fil-belt Valletta qabel u wara kull attivita` nazzjonali organizzata mill-Gvern u €9,000 ghar-rinovar tal-latrini;

- Tressqet quddiem il-Kunsill proposta minn G7 sabiex isiru celebrazzjonijiet tas-sena l-gdida gewwa Misrah San Gorg. Filwaqt li fil-principju il-Kunsill jaqbel, ghad iridu jingiebu aktar dettalji dwar din l-attivta` qabel ikun hemm l-approvazzjoni;

- Il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament mill-iskola ta' Sant Jiermu ghas-servizz ta' perit li l-Kunsill ta lill-iskola sabiex isiru pjanti ghall-area fejn jilghabu t-tfal;

- Il-Kunsill talab lil MJ Communications sabiex juzaw gazebo differenti minn dik proposta sabiex jaghmlu promozzjoni tas-servizz taghhom fil-Belt;

## KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***Disturbance allowance lil Gabriella Agius***
Is-Sindku ppropona li minhabba xi hinijiet li qed taghmel Gabriella Agius barra mill-hin normali tax-xoghol li xi drabi jkunu tard filghaxija qieghed jipproponi li l-Kunsill jaghti disturbance allowance ghal dan il-ghan. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan. Il-Kunsill ghandu jivverifika mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif dan ghandu jsir.

***Valletta - Chichester***
Is-Sindku informal lill-Kunsill li wara z-zjara tas-Sindku f'Malta s-sena l-ohra fejn gie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni bejn iz-zewgt ibliet, qieghdha ssir stedina lis-Sindku u l-

Vici Sindku sabiex tigi reciprokata din il-vizta u jsiru aktar diskussjonijiet kif jista' jkun hemm aktar kollaborazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

***Capital of Culture***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minhabba li fl-2018, il-belt Valletta ser tkun kandidata ghal Capital of Culture, ippropona li flimkien ma' Gabriella Agius jattendi ghal fiera li ser ikun hemm Brussels dwar dan. Kien hemm qbil dwar dan.

***Refreshing tal-marki fi Triq l-Ifran***
Is-Sindku qal li kien sar refreshing bi prova ta' parti minn Triq l-Ifran b'zebgha differenti milli tintuza s-soltu. Din hija zebgha li fiha frak tal-hgieg biex ikun jidher aktar filghaxija.

***Leaflet tal-Gimgha l-Kbira***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-leaflet ghax-xahar t'April u li kien dwar l-attivitajiet tal-Gimgha l-Kbira fil-Belt kien lest u ser jitqassam madwar Malta. Kien hemm qbil dwar dan.

***Skema ghall-gbir ta' skart separat.***
Il-Kunsill kellu zewg proposti minghand Green Mt u minghand GreenPak ghall-gbir ta' skart separat. Wara li evalwa z-zewg proposti, il-Kunsill ra li l-proposta ta' Green MT kienet aktar vantaggjuza ghall-Kunsill u ghalhekk unanimament qabel li tinghazel din l-iskema. Ghandha tigi mistharrga l-possibilta` li l-iskart separat miz-zoni residenzjali isir it-Tlieta u l-Gimgha filwaqt li mic-centru kummercjali isir kuljum. Ghandu jigi wkoll inkluz fil-ftehim il-gbir ta' l-iskart separat minn stabbilimenti u ufficini li jiggeneraw kwantita` konsiderevoli ta' materjal li jista' jigi riciklat.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru

**TMIEM**

Fil-4.45pm il-Kunsill aggorna ghall-Hamis, 15 t'April, 2010 fit-3.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku